MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 27/2006/1

**Avukat Peter Fenech**

**vs**

**James Debono**

Il-Qorti

Rat li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ipprinunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2012:-

“Il-Qorti;

Rat l-avvizipprezentat fl-24 ta’ Jannar, 2006 fejn ir-rikorrent talab lill-din il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas lill-attur is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta’ danni skont il-Ligi dwar l-Istampa wara li jigi dikjarat li ngurja u mmalafama lill-attur bl-artikolu As Government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000, ippublikat fl-ewwel pagna tal-harga tal-Malta Today tat-22 ta’ Jannar tas-sena 2006 li kopja tieghu qed tigi esebita bhala dokument A fejn il-konvenut bhala awtur ta’ l-istess artikolu ghamel allegazzjonijiet li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-malafama ta’ l-istess attur u jesponuh ghar-ridikolu u d-disprezz tal-pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat ipprezentata fit-23 ta’ Frar, 2006 fejn eccepixxa li l-artikolu in kwistjoni ma jesponix lill-Avukat Dr. Peter Fenech ghar-ridikolu u ghad-disprezz pubbliku u lanqas joffendi l-unur u l-fama tieghu peress illi s-sustanzi addebitati huma minnhom u allura jikkostitwixxu fair comment dwar persuna li tokkupa kariga jew hija direttament jew mod iehor marbuta max-xena politika.  Illi di piu dak li gie rapportat sar fl-interess pubbliku fil-parametri ta’ dritt fundamentali ghall-harsien ta’ l-espressjoni tal-kelma f’socjeta’ demokratika.

Rat l-affidavit tar-rikorrent Peter Fenech ipprezentat fil-5 t’April, 2006 fejn huwa stqarr illi huwa hassu malafamat bit-titolu "As Government waives Lm100,000 bill Peter Fenech claims Lm138,000"

Dr Fenech spjega illi d-dejn kien ta' kumpannija u mhux tieghu personalment u dwar flejjes dovuti, dawna ma kienux dovuti lilu personalment. Izid jghid illi l-kumpannija VAB Company Limited ma hijiex tieghu izda hija propjeta ta' Victor Attard Bondi, Frank Fenech, missier l-attur, u Frank Holdings Limited, li fiha missieru ghandu erba’ t’elef disa’ mija u disgha u disghin (4,999) ishma u l-attur ghandu sehem wiehed peress illi, meta giet iffurmata il-kumpannija, ma setghux jigu ffurmati 'single member companies' u ghalhekk biex tigi ffurmata kumpannija ghal indivdwu wiehed, kien jinghata sehem wiehed lill individwu iehor.

Dr Fenech spjega illi l-artikolu ta' l-impressjoni li huwa kien qiegħed jagħmel pressjoni politika fuq id-Dipartiment tal-Artijiet minħabba fil-fatt illi huwa canvasser ta' Louis Galea u saru referenzi għal fatt illi huwa Chairman tad-Dar il-Mediterran għall-Konferenzi unikament biex issirlu ħsara personali. Intqal fl-artikolu illi huwa bagħat ittri lill Isabelle Marisa Camilleri sabiex hi tħallas il-flus pendenti, izda l-artikolu naqas illi jgħid illi tali ittri ntbghatu fuq talba tal-avukat tagħhha stess. Intqal ukoll illi huwa l-ahhar li hallas kera kien fl-1997 meta huwa qatt ma kellu kera x' ihallas u qatt ma hallas kera lill-Gvern peress illi huwa ma jikri xejn minghand il-Gvern u l-intimat kien jaf b'tali fatti u ppublikahom unikament biex jaghmillu l-hsara. L-attur jghid ukoll illi l-artikolu jaghti l-impressjoni illi huwa personalment kellu xi dejn mahfur u li kien qieghed ifittex biex jirkupra xi somma fenomenali, meta attwalment dana ma huwa minnu assolutament xejn.

Dr. Fenech stqarr illi dak kollu li ntqal huma lkoll fatti ngurjuzi fil-konfront ta' l-istess rikorrent u jnaqqsu kemm ir-reputazzjoni professjonali kif ukoll l-integrita tieghu. Huwa stqarr ukoll li hafna nies kellmuh dwar tali artikolu wara li gie ppublikat u baqa' jircievi kummenti minghand in-nies dwar l-artikolu fejn deher illi sar hafna hsara lilu.

Fis-seduta tat-3 t'Ottubru, 2006 xehed l-istess Dr. Peter Fenech fejn ikkonferma li huwa c-Chairperson tal-Mediterranean Conference Centre, ghal-liema post huwa jircievi remunerazzjoni ta' tlett elefu hames mitt Liri Maltin fis-sena u stqarr ukoll illi meta nqalghet il-kwistjoni bejn is-socjeta' VAB Company Limited u l-Kummissjoni tal-Partit huwa kien gja fil-kariga ta' Chairman tal-Conference Centre.   Ikkonferma wkoll li hu fil-kapacita personali tieghu qatt ma kellu jaghti mitt elf lira Maltin lill-Gvern Malti kif qed jigi allegat.

Fil-21 ta' Novembru 2006 xehed Saviour Balzan fejn stqarr illi hu bhala editur tal-gazzetta Malta Today, beda jinvestiga kaz illi l-artikolu kien deher fuqu madwar sena u nofs qabel ma gie ppublikat, dwar aspetti bejn il-MEPA u s-socjeta' VAB Company Limited.  Tul l-investigazzjoni tieghu skopra li kien hemm flejjes dovuti lill-Lands Department minn din is-socjeta' VAB Company Limited u meta vverifika dwar tali flejjes, l-istess Lands Department infurmah li l-Gvern kien rebah kawza f'Mejju 2005 kontra l-istess socjeta' VAB Company Limited fejn sussegwentement l-istess

kumpanija VAB Company Limited infurmat il-Gvern illi ma kentix f’posizzjoni li thallas id-djun li gew kanonizzati permezz ta’ sentenza.

Il-kaz beda jigi inizjalment investigat mil-lum mejjet Julian Manduca u sussegwentement wara l-mewt ta’ Julian Manduca dahal fil-kaz James Debono li baqa’ jinvestiga l-kaz. Mill-investigazzjoni li mbaghad ghamel l-istess James Debono irrizulta li mument minnhom tali dejn dovut lill-Lands Department minn VAB Company Limited giet mahfura.

Stharrig ulterjuri tal-istess James Debono wera illi direttur tas-socjeta’ VAB Limited kien ir-rikorrent Peter Fenech. Id-Diretturi kienu ir-rikorrent Peter Fenech u missieru Frank Fenech u l-kumpanija kellhom tlett shareholders li wiehed kienet il-kumpanija Frank Holdings Limited. F’liema kumpanija r-rikorrent kien kemm Direttur kif ukoll shareholder. Fil-kumpanija VAB Company Limited Dr. Fenech kien segretarju tal-kumpanija.

Wara li gab din l-informazzjoni, l-istess Balzan ta struzzjonijiet lil gurnalist tieghu sabiex jikkomunika ma’ Dr. Fenech u dan peress li fl-opinjoni tas-sur Balzan, Dr. Fenech huwa persuna pubblika u huwa wkoll rapprezentant tal-kumpaniji li qed jigu nvestigati. Huwa kkunsidrah ukoll bhala persuna pubblika peress li ghal zmien twil kien attivist politiku u kien nominat bhala persuna kwalifikata appuntati f’diversi azjenti governattivi.

Sussegwentement fil-4 ta’ Dicembru, 2005 hareg pubblikazzjoni dwar l-istorja, izda qabel James Debono kien ikkomunika ma’ Dr. Peter Fenech u dan irrifjuta li jirrispondi ghad-domandi li ghamillu. Dan l-artikolu kien intitolat “Government rights off activists LM110,000 Bill”, f’liema artikolu fost affarijiet ohra, il-kumpanija VAB Company Limited giet indikata bhala l-kumpanija tar-rikorrent.

Sussegwentement fil-15 ta’ Jannar, 2006 rega’ ppublika artikolu iehor fejn kompla dwar il-kwistjoni li l-Gvern hafer renti dovuti din id-darba minn partiti politici. Huwa stqarr izda li fl-ebda minn dawn l-artikolu ma gie indikat b’mod emfatiku li s-socjeta’

VAB & Co Ltd kienet kumpanija tar-rikorrent. Huwa kkonferma wkoll li fuq dawn iz-zewg artikoli qatt ma sar libell.

Sussegwentement fid-19 ta' Jannar, waqt li kien qed jiddiskuti l-artikoli u l-investigazzjoni taghha ma' James Debono, dan qallu sabiex jikkomunika ma' l-istess Dr. Fenech bil-ghan li jgib informazzjoni minghandu. Dr. Fenech irrifjuta li jikkumenta u ghalhekk l-istess James Debono baghat email b'domandi fiha, fosthom domanda fis-sens illi "in view of the agreement reached between your company and the Lands Department in which outstanding groundrents where waived off against the recision of the deed as VAB did not have any other assets from where the department could recoup the arrears or any part thereof, is your company still demanding payments... ". Dawn id-domandi baqghu qatt ma gew risposti.

Fit-22 ta' Jannar, 2006, rega' nkiteb artikolu iehor fuq l-istess tema fejn it-titolu kien "As government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims LM138,000". L-intimat stqarr li tali kont huwa rizultat ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2006 fl-ismijiet VAB Company Limited vs Maria Isabella sive Marisa Turk Dogan fejn is-socjeta VAB Company Limited rebhet kawza ghall-pagamenti ta' management agreement, kera u flejjes ohra dovuti u dan skont l-istess artikolu fl-ammont komplessiv ta' madwar mija u tmienja u tletin elf Liri Maltin (Lm138,000).

Fix-xhieda tieghu Balzan qal, illi r-rikorrent qatt ma nforma lill-intimat illi s-socjeta' VAB Company Limited ma kenitx tieghu jew ma kellux konnessjoni maghha u qatt ma nnegaha. Sussegwentement, bhala rizultat tal-kawza mirbuha fil-konfront ta' Mary Isabella sive Marisa Turk Dogan, din giet ordnata thallas mija tmienja u tletin elf, tlett mija u hamsa u tmenin punt tmienja u erbghin centezmu (LM138,385.48), liema flejjes kienu dovuti lis-socjeta' VAB Company Limited u l-intimat dejjem kien jara lir-rikorrent bhala ufficjali peress li kien direttur u rapprezentant legali, segretarju u shareholder, kemm ta'Frank Holdings Ltd, kif inhi shareholder fis-socjeta' VAB Limited. Huwa stqarr illi jaf li fis-socjeta' Frank Holdings Limited ir-rikorrent kellu share wiehed. Stqarr illi r-rikorrent kien direttur f'kumpanija fejn is-shareholder principali kien missieru, Frank Fenech.

Fis-seduta tat 28 ta' Marzu 2007 xehed James Debono illi qal li fit 28 ta' Ottubru 2005 kien hemm artikolu li kkwota lill Ministru George Pullicino jghid li kien intlahaq ftehim mas-sidien tal-Jumbo Lido sabiex jittiehed lura dana il-fond u dana wasslu sabiex jinvestiga il kaz. Huwa sab illi l-kumpannija involuta kellha diretturi lill Frank Fenech u l-attur, Peter Fenech, kif ukoll Peter Fenech kien azzjonist b'sehem wiehed f'kumpannija illi ghandha sehem fil-kumpannija VAB Co Ltd. Illi wara illi ghamel ir-ricerka, huwa kkomunika mal-Ministeru ta' l-Intern u Gustizzja u bl-informazzjoni illi kellu hemm, wara illi kellem lill editur tieghu, huwa ipprova jikkomunika ma Frank Fenech u Peter Fenech, izda t-tnejn ma rrispondewx. Huwa ghamel investigazzjonijiet ulterjuri u sar jaf li l-attur kien kiteb lill Marisa Turdokan sabiex thallas arretrati u, ghal darba ohra, wara illi reggha kellem lil editur tieghu, reggha ikkomunika ma l-attur fejn indikatlu l-kumpannija bhala il-kumpannija tieghu, izda l-attur baqa ma rrispondiex. Huwa sahaq illi l-attur qatt ma qallu li l-kumpannija in kwistjoni ma kienetx tieghu.

In kontro ezami, huwa stqarr li meta ghamel ir-ricerki tieghu, huwa ma vverifikax kemm kellu shares l-attur, izda ra biss illi huwa kien shareholder, u sar jaf illi kellu share wiehed biss fil-proceduri odjerni. Huwa stqarr illi Dr Fenech huwa personagg pubbliku u ghalhekk dak li nkiteb kien kollu fl-interess pubbliku. Huwa stqarr ukoll illi huwa bbaza l-istorja tieghu fuq il-kummenti illi kienu inghatawlu, u ma gabar ebda dokumentazzjoni dwar il-kuntratti illi saru kif ukoll il-komposizzjoni tal-varji kumpanniji.

Fis-seduta tat-28 ta’ Marzu, 2007 xehed ukoll Vincent Gilson fejn qal illi fil-kariga ta’ Officer in Charge mir-Revenue u Assistent Head responsabbli mill-enforcement fid-dipartiment tal-Artijiet huwa kkonferma li kien hemm kuntratt ffirmat fit-3 t’Ottbru, 2005 redatt minn nutar Vincent Miceli tad-Dipartiment tal-Artijiet f’liema kuntratt ghalkemm huwa ma kienx involut fit-trattattivi jidher illi saret mahfra tal-arretrati tac-cnus.  Irrizulta wkoll li d-dipartiment tal-artijiet kien ghamel ittra ufficjali kontra s-socjeta’ VAB Company Limited fejn kienet talbet li jithallsu b’lura c-cnus bl-arretrati u s-socjeta’ VAB company Limited kienet ghamlet kawza sabiex tikkontesta tali ittra ufficjali liema kawza izda hija tilfet.  Allura l-Lands Department beda jinsisti ghall-hlas dovuti lilha.

Huwa stqarr ukoll li kien qed jircievi hafna ittra li nfurmawhom li l-post kien maghluq, allura l-post kien eyesore allura kellu jitnehha minn fejn kien. Fil-5 ta' Mejju imbaghad ic-chairman tas-socjeta' VAB Company Limited, Frank Fenech, kiteb lil Lands Department, fejn filwaqt li gharrfet lill-istess Lands Department li ma kienetx f'posizzjoni li thallas ghac-cnus b'lura, offriet in skambju illi flok isir il-hlas, hija ccedi c-cens li kien fadlilha u taghti l-proprjeta lura lill-Gvern.

Din l-ittra eventwalment waslet sabiex fit-3 t'Ottubru 2005 tigi ffirmata l-kuntratt illi gja kien semma l-istess Gilson. Liema kuntratt izda peress illi huwa right off ta' ammont konsiderevoli, kellu jsir minn naha tal-Ministeru tal-Finanzi u ghalhekk, il-parir tal-Ministeru tal-Finanzi kellu jinghad qabel ma l-Ministru tal-Artijiet jkun jista' jaghmel tali right off.

Jirrizulta wkoll li l-istess socjeta' VAB Company Limited ma kienx sar stharrig da parti tal-Lands Department jekk din kellhix xi flejjes jew jekk kellhiex tiehu xi flus allura id-Dipartiment tal-Artijiet ma kienx a korrent tal-fatt illi kellhom jithallsu xi flejjes lill-istess socjeta' VAB Company Limited.

Fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2008, skont verbal illi jidher fl-avviz numru 27/06, ghalkemm mhux rispekjat fil-verbal tal-kawza odjerna, instemghu tlett xhieda, ossia Andrew Paris, John Jaccarini u Paul Zammit. Andrew Paris fix-xhieda tieghu stqarr li huwa kien jaf lil Dr. Fenech personalment bhala habib tieghu u meta ra l-artikolu fit-22 ta'Jannar, 2006 huwa ltaqa' mal-istess rikorrent u hass li kellu jghidlu li l-insinwazzjonijiet li kienu qed isiru hemm hekk kienu ta detriment tal-istess rikorrent peress illi kien hemm insinwazzonijiet professjonali.

John Jaccarini xehed ukoll u qal illi kien jaf lil Dr. Fenech personalment u meta ra l-artikolu fit-22 ta' Jannar, 2006 hass li dan kien ingurjuz fil-konfront ta' Dr. Fenech u stqarr li filwaqt li jaf li r-rikorrent kellu konessjoni mal-kumpaniji msemmija huwa hass l-artikolu kienu ingurjuzi peress illi kienu qeghdin jippruvaw jitfghu dell ikrah fuq ir-rikorrent.

Xehed ukoll Paul Zammit fejn stqarr li hu habib antik tar-rikorrent u meta ra l-artikolu tat-22 ta’ Jannar, 2006 huwa hass illi dan kien ingurjuz u dan aktar u aktar meta l-istess Zammit jahdem fil-qasam ta’ riklamar u l-media jafha sew u kien avza lir-rikorrent mill-ewwel li din il-haga kienet ser tidher kera fuqu.

Fit-18 ta’ Gunju, 2008, rega’ xehed Dr. Peter Fenech fejn qal li hu llum ma kellu ebda konnessjoni aktar mas-socjeta’ VAB Company Limited peress li dina kienet kumpanija dormant. Stqarr illi s-socjeta VAB Company Limited kienet hadet il-Lido bl-isem Jumbo Lido b’cens minghand il-Kummissarju tal-Artijiet u stqarr illi c-cens kien ta’ madwar sitt elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm6,600) fis-sena u li f’mument minnhom kien hemm kuntratt ta’ cens bejn is-socjeta’ VAB Company Limited u l-Kummissarju tal-Artijiet.

Stqarr ukoll illi hu ma kienx involut fin-negozjati mal-Gvern u sa fejn jaf hu ma kien hemm ebda laqghat ma’ rapprezentanti tal-Kummissarju tal-Artijiet izda l-ftehim intalahaq permezz ta’ korrispondenza. Huwa stqarr illi n-negozjati mal-Kummissarju kienu fis-sens illi l-Kummissarju tal-Artijiet ried lura l-art in kwistjoni, liema art pero ma setax jiehu lura peress illi kien hemm cens fuq tal-art affavur tas-socjeta’ VAB Company Limited. Allura n-negozjati li wasslu li jinhafru c-cnus b’arretrati kienet attwalment ibbazata fuq tali fatt. Huwa stqarr ukoll illi kullma kien direttur fis-socjeta’ VAB Company Limited u kullma kien jaghmel huwa li jattendi ghal-laqghat tal-kumpanija.

Fit-12 ta’ Novembru 2008 xehdet Margaret Falzon Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet li fiha kkonfermat li permezz ta’ ittra datata 5 ta’ Mejju, 2005, Frank Fenech bhala Chairman tal-VAB Company Limited kien kiteb lill-istess Kummissarju tal-Artijiet fejn filwaqt li ghamel riferenza ghal fatt illi kellhom kuntratt ta’ cens li beda fin-1989 Qui Si Sana huwa stqarr li l-kumpanija ma kenitx f’posizzjoni finanzjarja li thallas ic-cnus b’lura, allura offra li l-kuntratt ta’ hamsa u ghoxrin sena jitterminah qabel iz-zmien.

Permezz ta’ ittra tat-23 ta’ Gunju, 2009, imbaghad ittra tad-Direttur tal-Lands lil Permenant Secretary tal-Ministeru tal-Finanzi, informa illi “considering the prime

area where the land is-situated, the department considers it best to accept the company's request to terminate the emphytheutical grant and therefore your authority is being requested for the waiving off of outstanding rent up to the date of deed of recission."  Permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju, 2005 il-Permanent Secretary fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi approva tali suggeriment tal-Kummissarju tal-Artijiet "on the understanding that no precedent should be created."

L-istess xhud qalet ukoll illi l-Avukat Peter Fenech imkien ma kien jinkwadra fid-dokumentazzjoni kollha li kienet tidher fil-files tad-dipartiment u stqarret illi kullma kien hemm hija s-socjeta' VAB Company Limited.

Fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2009 xehed Albert Mamo fejn stqarr illi hu l-Kummissarju tal-Artijiet u kellu pressjoni kbira biex il-Lido li kien inghata b'cens lil VAB & Co.Ltd jitnehha peress illi kien qed ikerrah il-bajja u kien hemm problemi strutturali wkoll. Kien ghalhekk illi wara diskussjoni mal-Awtorita kompetenti huwa wasal f'kompromess mal-istess kumpanija billi minflok ma joqghod jaghmel kawzi ultejuri, gie mitftiehem li c-cens ta' hamsa u ghoxrin sena jigi tterminat qabel iz-zmien u c-cens dovut jigi mahfur.

Huwa stqarr illi t-trattattivi ma' sarux mieghu jew mad-dipartiment tal-artijiet, izda kellu struzzjonijiet sabiex jaghmel dan.  Huwa stqarr ukoll li fid-diskussjonijiet dwar il-kuntratt ta' rexxizjoni Dr. Peter Fenech kien il-persuna li kien qed jaghmel it-trattattivi u dan peress illi kien l-avukat tal-istess kumpanija.  Huwa stqarr illi l-kuntrat ta' rexizzjoni kien rakkomandat lilu mid-direttur generali tat-taqsima tal-proprejta tal-Gvern jigifieri l-perit Sciberras wara li din giet approvata mill-Ministru responsabbli ghall-Artijiet, li kien il-Ministru Tonio Borg.

Huwa stqarr illi tali tip ta' ftehim kien diga ntlahaq precedentement ma' persuni ohra.  Allura kien hemm gja precedent dwar tali tip ta' ftehim.  Huwa kkonferma li l-korrispondenza kollha kienet iffirmata minn Frank Fenech, Chairman tal-istess kumpanija VAB Company Limited.   Hu kkonferma li huwa ma kien jaf b'ebda pendenzi fil-Qrati bejn l-istess VAB Limited u kumpaniji ohra salv meta gie mitlub mill-Avukat ta' certa Maria Turk Dogan fejn intalab jiddikjara jekk is-socjeta' VAB &

Co. Ltd kellha dritt illi tissulloka lil terzi, liema dritt huwa kkonferma li ma kellhiex. Huwa kkonferma wkoll illi d-dejn li gie eventwalment mahfur, kien dovut mis-socjeta' VAB & Co Limited u qatt ma kien dovut minn Dr. Peter Fenech personalment.

Fl-istess seduta xehdet Marisa Camilleri fejn stqarret li hi kellha x'taqsam mal-post Jumbo Lido fejn hi u r-ragel taghha kien ghamel agreement biex ikunu jistghu jiehdu l-post huma. Ghalkemm m'ghandhix idea x'attwalment iffirmat, peress illi s-sinjura Camilleri qalet li cemplilha r-ragel u talabha tmur il-Belt biex tiffirma xi dokument, hija stqarret illi mument minnhom kien hemm maltempata u saru hsarat kbar fil-lido u ghalhekk ma setghux joperaw. Sussegwentement ippruvaw jiddiskutu ma' Frank Fenech biex jaslu ghal xi ftehim izda ftehim ma ntlahaqx. Imbaghad saru l-kawzi, u bhala rizultat tal-kawza, huma gew debituri tas-socjeta' VAB Company Limited fis-somma ta' Lm138,048. hija kkonfermat illi Dr. Peter Fenech kien qed jidher ghall-istess Frank Fenech u anke kien involut f'negozjati ghan-nom tas-socjeta' VAB Limited u anke ghan-nom ta' missieru.

Stqarret ukoll li darba minnhom Dr. Fenech kien gie ghandhom sabiex jitlob il-hlas tal-kera u qalilhom jekk ma jhallsux dawn ser issirilhom kawza. Ikkonfermat li kien hemm hsarat strutturali fil-post Jumbo Lido meta ttiehed il-post minnhom u kienu qed isiru xi xoghlijiet sabiex jigi rrangat. Izda l-hsarat kienu tali li ma setghux jirrangawhom.

Fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2009 rega' xehed Dr. Peter Fenech fejn ikkonferma li kull fejn kien hemm kawza involuta mas-socejta' VAB Company Limited huwa kien xehed f'kull kawza pertinenti ghal din il-kumpanija.

Xehed ukoll dakinhar Dr. Tonio Borg, li dak iz-zmien qal li fiz-zmien in kwistjoni kien Ministru responsabbli ghall-artijiet pubblici bejn Settembru 1998 u Marzu 2008. Huwa kkonferma illi kien hemm decizjoni tal-Gvern li jiehdu lura l-pussess tal-Jumbo Lido u dan biex il-post jitwaqqa' u flok ma wiehed jidhol il-Qorti, kien hemm suggeriment li jigi tterminat ir-relazzjoni legali li kien hemm u l-arretrati tac-cens jigu waived.

Huwa kkonferma li d-dipartiment kien wasal ghall-konkluzjoni li kien impossibbli ghalih li jigbor ic-cnus li kellu b'lura u allura hu ma jaf b'ebda ftehim privat bejn min kellu c-cens qabel u xi terza persuna dwar xi pagamenti li kellhom jithallsu. Huwa kkonferma izda li qabel ma d-dipartiment ghamel il-kuntratt ta rexizjoni kien ghamel ir-ricerki kollha necessarji fl-insinwa u allura l-iskrittura privata certament ma dehritx fl-insinwa.

Dwar l-involviment tar-rikorrent, Dr. Borg jistqarr illi ghalkemm ma tkellem ma' ebda rapprezentant tal-kumpanija huwa jiftakar li darba minnhom waqt li kien iltaqa' mieghu x'imkien, ir-rikorrent kien wrieh ix-xewqa illi l-kirja tal-post Jumbo Lido jitkompla. Izda huwa qallu li l-Gvern iddecieda li jehodlu lura l-pussess tal-Jumbo Lido u l-Gvern kien dispost li jasal ghal xi tip ta arrangament ta' kumpens peress illi l-post kien ser jittiehed qabel il-perjodu tal-kuntratt.

Xehed ukoll Frank Fenech fejn stqarr illi hu wiehed mid-diretturi tas-socjeta' VAB Limited li fih direttur hu u t-tifel tieghu Peter Fenech. Il-kumpanija kienet proprjetarja tal-Jumbo Lido u kkonferma illi mument minnhom sar jaf li l-gvern kien ser jiehu lura l-pussess tal-Jumbo Lido u ghalhekk kien talab lit-tifel tieghu, ir-rikorrent, sabiex jikkuntattja lid-dipartiment biex isiru xi proposti ta' transazzjoni. Frank Fenech ikkonferma illi wara l-ittra li baghat it-tifel tieghu huwa mar id-dipartiment tal-artijiet peress illi dawn cemplulu fejn mar wahdu. Huwa kkonferma wkoll li l-avukat li hu kien kkonsulta ghal parir legali kien Dr. Joseph Schembri u stqarr illi Dr. Peter Fenech qatt ma dahal fl-istadju tat-trattattivi u qatt ma dahal fil-kwistjoni tal-management agreement ma' terzi persuni li kienet qed tmexxi l-Lido u li maghhom kellhom kwistjoni.

Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2010 xehed il-Perit Joseph Sciberras li stqarr illi huwa kien jokkupa il-kariga ta' Direttur Generali tat-taqsima propjeta' tal-Gvern u filwaqt illi ma ftakarx jekk il-post 'Jumbo Lido' kienx mikri jew moghti b'cens, huwa ftakar li kien hemm kawza biex il-Gvern jirkupra l-flus dovuti lilu. Stqarr ukoll illi kien hemm ordni tal-Gvern li ried iwaqqa il-'Jumbo Lido' u kien hemm decizjoni illi kellu jsir kuntratt iehor biex ic-cens jigi xolt u dan kellu jsir ghax il-Gvern ma kienx dispost illi l-kwistjoni tigi mehudha il-Qorti, peress illi ried jaghlaqha fi zmien qasir. Huwa stqarr li kien jaf li kien hemm progett gewwa Qui-Si-Sana li kien ser jinvolvi anke il-post 'Jumbo Lido' u li, sa fejn jaf hu, ic-censwalist kienet kumpannija.

Rat illi fis-17 ta' Ottubru, 2011 il-Qorti tat liz-zewg partijiet zmien sabiex jaghmlu n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u ddifferiet il-kaz ghall-5 ta' Dicembru 2011 ghall-finali trattazzjoni. Saru n-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti fil-31 t'Ottubru, 2011 u tal-intimat fit-28 ta' Novembru, 2011. Saret it-trattazzjoni fil-5 ta' Dicembru 2011 u l-kaz gie differit ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Il-kwistjoni mertu tal-kawza odjerna u li wasslet ghall-artikolu in kwistjoni tirrigwarda ftehim milhuq mill-kumpanija VAB & Company Limited li dak iz-zmien kellha c-cens ta' fond li kien jinsab fi Qui Si Sana biswit il-bahar ghall-hamsa u ghoxrin sena mill-1989 u l-Lands Department. Dan il-ftehim kien jikkontempla illi l-kumpanija VAB Company Limited iccedi l-kumplament tac-cens taghha, jigifieri d-disa' snin li kien fadlilha. Filwaqt illi c-cnus illi kienu dovuti lill-Kummissarju tal-Artijiet jigu mahfura.

L-artikolu in kwistjoni imbaghad jaghmel ukoll riferenza ghall-kwistjoni li qabel ma gie iffirmat tali ftehim l-istess kumpanija kienet baghtet zewg ittri f'Settembru 2005 lil Isabelle Maria Camilleri illi fiha talbet li jithallsu xi flejjes.

Ir-rikorrent fil-kaz odjern intavola l-kawza fuq artikolu illi deher fil-Malta Today fit-22 ta' Jannar, 2006 miktub minn James Debono intitolat "As Government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000". Huwa hass lilu innifsu ingurjat peress illi l-istess intimat James Debono uza kliem fejn indika illi l-ewwel u qabel kollox ir-rikorrent ghandu jaghti madwar mitt elf lira Maltin lill-Gvern u zied jghid ukoll illi kellu jiehu ammont ta' mija u tmeinja u tletin elf Liri Maltin, hass ruhu malafamat fejn l-istess intimat indika li minkejja li kellu jaghti tali flus ir-rikorent huwa gie mahfur li jhallas tali flejjes u minflok issa kien qieghed jitlob flus ohra huwa personalment.

Ir-rikorrent jikkontendi illi l-fatti kif indikati ma humiex minnhom peress illi huwa qatt ma kellu jaghti ebda flejjes lill-Kummissarju tal-Artijiet u qatt ma kellu jigbor xi flejjes

huwa stess, u allura qatt ma kellu jinghad dak il-kliem fil konfront tieghu personalment, peress illi kienu intizi unikament sabiex jaghmlulu hsara, kif del rest sehh.

L-intimat minn naha tieghu jirrispondi ghal tali allegazzjonijiet billi jghid illi tali artikolu ma joffendix l-unur u l-fama tieghu peress illi fis-sustanza l-fatti addebitati huma minnhom u allura jikkostitwixxu fair comment dwar persuna li tokkupa kariga pubblika u li di piu hija direttament jew mod iehor marbuta max-xena politika.

Ikkunsidrat

Mill-fatti pprezentati miz-zewg partijiet, jirrizulta ampjament ippruvat illi c-cens moghti mill-Kummissarju tal-Artijiet ghall-post fejn kien hemm il-Jumbo Lido kien moghti lis-socjeta’ VAB & Company Limited u dan kien moghti lilha permezz ta’ kuntratt tal-24 ta’ Mejju, 1989 ghall-perjodu ta’ hamsa u ghoxrin sena.

Mill-provi prodotti wkoll jirrizulta skont xhieda kemm tar-rikorrent kif ukoll tal-intimat illi wahda mis-shareholders tal-kumpanija VAB Company Limited kienet is-socjeta’ Franks Holdings Limited illi fiha l-azzjonist principali kien missier ir-rikorrent, filwaqt illi r-rikorrent kellu share wiehed.

Jirrizulta wkoll skont l-istess xhieda li Dr. Peter Fenech kien ukoll is-segretarju VAB Company Limited u Franks Holdings Limited kif ukoll direttur tat-tnejn.

L-ilment principali tar-rikorrent fil-kaz odjern huwa illi l-intimat irrifera lil Dr. Peter Fenech bhala l-persuna illi kellu jaghti l-flus lill-Gvern, liema flejjes inhafrulu, u li kellu jigbor ammont kbir ta' flus, minkejja li hafrulu l-kont.

Mill-fatti kif jirrizultaw waqt l-andament tal-kawza, hareg car illi l-ammont indikat mill-intimat qatt ma kien dovut mill-istess rikorrent u jirrizulta ukoll illi r-rikorrent ma ghandu ebda dritt biex igbor xi flejjes kif kien qieghed jigi alleggat fit-titolu.

Ikkunsidrat

Illi kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud fit-23 ta' Marzu, 2009, "f'kawzi bhal prezenti, u cioe f'kawza ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt f'socjeta' demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta' kull cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."

Il-Qorti rat ukoll fejn il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-istess ismijiet deciza fit-3 ta' Frar, 2012 stqarret li "gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."

L-istess argumentazzjoni kienet qalet kemm il-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Galea vs Mifsud fit-28 ta' Settembru, 2007 fejn qalet "gurnalizmu investigattiv ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat."

Fil-kawza odjerna jirrizulta illi l-intimat qieghed jimpingi l-argumenti kollha tieghu fuq il-fatt illi r-rikorrent huwa persuna pubblika. Mill-fatti kif ippruvati, ghalkemm ir-rikorrent huwa avukat u allura fil-posizzjoni tieghu ta' avukat fil-Qorti huwa meqjus bhala ufficjal publiku. Imkien aktar ma jidher illi r-rikorrent jista' jitqies bhala ufficjal pubbliku.

L-intimat juza bhala argument affavur tieghu decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-sena 2004 fl-ismijiet Joseph R. Darmanin vs Gino Cauchi et fejn dan intqal "biex id-divulgizzazzjoni b'kwalsiasi mod ta' informazzjoni bhala ezercizzju lecitu tad-dritt liberu ta' espressjoni iridu jinkorru s-segwenti kundizzjonijiet: il-verita' oggettiva tal-fatti esposti, basta li tkun rizultat ta' ricerka diligenti u serja dwar fatti fil-kompetenza taghha; l-interess tal-pubbliku li jinghata gharfien tal-fatti; u l-korrettezza jew il-kontinenza tal-espressjoni tal-fatti."

Ir-rikorrent minn naha tieghu jirribatti ili skont kif qalet il-Qorti Ewropea fil-kawza Fresos & Roire vs France "the press plays an important role in a democratic society, although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of reputation and rights of others. People exercising freedom of expression including journalists undertake duties and responsibilities."

Ikkunsidrat

L-argument kollu tal-partijiet huwa bbazat fuq x'inhuwa d-dover tal-gurnalist lejn il-pubbliku in generali. Harsa lejn il-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll Ewropea turi illi l-gurnalist ghandu d-dritt u d-dover li jinvestiga l-kazijiet, ghandu dritt u dover illi juri l-verita oggettiva tal-fatti, liema verita oggettiva tal-fatti trid tkun rizultat ta' ricerka diligenti u serja. Il-htiega tar-ricerka diligenti u serja hija llum aktar importanti minn qatt qabel tenut kont tal-fatt illi l-pubbliku in generali jhares lejn il-media li fosthom hemm il-gazzetti bhala sors principali ta' informazzjoni dwar il-hafna affarijiet illi qed jigru kemm lokalment kif ukoll internazzjonali b'mod illi l-obbligu fuq il-gurnalist huwa li jassikura li l-informazzjoni li jaghti hu tkun korretta u vero simili. Kif qalet il-Qorti tal-Appell korrettement, fil-kawza Galea vs Mifsud "gurnalizmu investigattiv serju anke meta jirrizulta zball genwin, jista' jkun tollerat".

Madanakollu fil-kaz odjern, il-Qorti ma tqisx li fil-kaz in kwistjoni hemm gurnalizmu investigattiv serju peress illi mill-artikolu miktub mill-intimat huwa ghamel tlett asserzjonijiet li bi tfittixa semplici, l-istess intimat seta' facilment jara illi attwalment ma kienux minnhom. Di fatti,l-intimat jiddikjara illi r-rikorrent ghandu jaghti l-Gvern mal-mitt elf lira Maltin mentri harsa cara lejn il-fatti juru li anke fuq bazi prima facie

r-rikorrent ma jiffigura mkien fid-dejn dovut lill-istess Kummissarju tal-Artijiet u allura mhuwiex korrett li wiehed jghid li r-rikorrent ghandu jaghti flus.

Jirrizulta wkoll illi l-istess intimat jiddikjara li r-rikorrent hellu jigbor xi flejjes huwa stess, fejn dana ma huwiex minnu. F'dan il-kaz l-intimat jipprova jilqa' ghal tali lmenti billi jghid li huwa fair comment fl-ambitu tal-fatti in generali. Il-Qorti madanakollu ma tistax tqis illi tali kumment huwa fair comment meta qed jigi attribwit lir-rikorrent, fatti li ma jirrizultaw minn imkien u jirrizultaw anzi kieku l-istess gurnalist ghamel xoghlu kif suppost, kien jinduna illi d-dejn kien dovut minn kumpanija ohra u r-rikorrent la kellu ihallas u wisq anqas jigbor xi flejjes.

Harsa lejn informazzjoni dwar il-kumpanija l-ohra kienet turi wkoll lil gurnalist illi l-kumpanija mhux vera kienet tar-rikorrent kif qed jipprova jpengi s-sitwazzjoni l-gurnalist. Izda kienet ta' kumpanija illi fiha kien involut missieru f'kumpanija ohra u li fiha r-rikorrent kien direttur u kellu sehem wiehed minn hamest elef. Certament il-gurnalist ma kellu ebda dritt li jasal ghal-konkluzjoni li la darba r-rikorrent huwa direttur ta' kumpanija allura l-kumpanija hija tieghu. Aktar u aktar meta huwa kieku kellu jaghmel investigazzjonijiet jirrizulta li l-kumpanija nnifisiha lanqas mhi tieghu.

Il-gurnalist ghandu l-obbligu li jassikura li lill-poplu in generali jaghtih informazzjoni korretta sakemm jaghti informazzjoni korretta u anke okkorrendo jekk tali nformazzjoni mhijex daqstant korretta minhabba f'xi zball genwin, il-Qorti allura dejjem qeghda hemm biex tipprotegi l-gurnalist peress illi huwa d-dover taghhom li jaghtu l-informazzjoni lil-pubbliku in generali u li huwa d-dover tal-Qorti li tipprotegi tali dritt ta' espressjoni tigi protetta ghal kulhadd.

Madanakollu wara li qieset il-provi kollha, jirrizulta ben car illi hawn hekk m'hemmx kwistjoni ta' zball genwin da parti tal-intimat izda hemm informazzjoni moghtija erronjament, intenzjonalment u bi hsieb uniku illi itellfu r-reputazjoni tar-rikorrent. Tali azzjonijiet din il-Qorti qatt ma tista' tikkondona u allura huma kundannabbli u huma censurabbli.

“Where the Court views the statement as not being seriously made in particular if published without proper research and investigation or with an improper motive, then it will not wish to protect what it views as bad journalism. It is up to journalist to establish their facts in advance.” Fil-kaz in kwistjoni huwa car illi dak li stqarr l-intimat mhuwiex fair comment izda huwa rizultat ta’ “bad journalism”, ghalhekk ghandu jigi ikkundannat minn din il-Qorti.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat il-provi kollha migjuba quddiemha, wara li fliet id-dokumentazzjoni kollha bir-reqqa u wara li qieset il-fatti kollha tal-kaz, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tiddikjara illi l-artikolu As Government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000” ippublikat fl-ewwel pagna tal-harga tal-Malta Today tat-22 ta’ Jannar, 2006 li tieghu r-rikorrent kien l-awtur jingurja u jimmalafama lill-attur peress illi ghamel allegazzjonijet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tal-istess attur u jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz.

Il-Qorti wkoll wara li qieset il-fatti kollha tal-kaz a tenur tal-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tikkundanna lill-istess intimat ihallas lill-istess rikorrent is-somma ta’ ghaxar t’elef ewro (€10,000) bhala danni likwidati li jrid ihallas l-istess intimat lir-rikorrent. Bl-ispejjes kontra l-intimat.”

Rat li l-konvenut James Debono hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u b’hekk interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-stess konvenut appellant fejn gie premess:-

Illi permezz ta’ rikors ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta’ Jannar 2006, l-attur talab lil dik il-Qorti tikkundanna lill-esponent ihallsu s-somma li tigi hekk likwidata in linea ta’ Danni skond il-Ligi dwar l-Istampa wara li jigi dikjarat li ngurjah u mmalafamah bl-artikolu As Government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000 ippubblikat fl-ewwel pagna 19 tal-gurnal Malta Today tad-22 ta’ Jannar 2006 li kopja tieghu giet esebita bhala Dokument A fejn l-esponent bhala awtur tal-

istess artikolu ghamel allegazzjonijiet li huma foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama tal-istess attur u jesponuh ghar-ridikolu u d-disprezz tal-pubbliku.

Illi l-esponent irrisponda fit-23 ta' Frar 2006 fejn eccepixxa li l-artikolu in kwistjoni ma jesponiex lill-attur ghar-ridikolu u d-disprezz tal-pubbliku u lanqas joffendi l-unur u l-fama tieghu peress illi s-sustanzi addebitati huma minnhom u allura jikkostitwixxu fair comment dwar persuna li tokkupa kariga jew hila direttament jew mod iehor marbuta max-xena politika. Illi di piu' dak li gie raportat sar fl-interess pubbliku fil-parametri tad-dritt fundamentali ghall-harsien tal-espressjoni tal-kelma f'socjeta' demokratika.

Illi permezz ta' sentenza datata 9 ta' Lulju 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-esponent, laqghat it-talba tal-attur u ddikjarat illi l-artikolu Mutinity Because of a Bounty ippubblikata fil-pagna 15 tal-harga tal-Malta Today tad-22 ta' Jannar 2006 li tieghu l-esponent kien l-awtur jingurja u jimmalafama lill-attur peress illi ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tal-istess attur u jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz. Inoltre l-Qorti ikkundannat lill-esponent ihallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) bhala danni likwidati u kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Illi l-esponent ihoss ruhu aggravat b'din id-decizjoni, u permezz tal-prezenti qieghed jinterponi dan l-umli appell ghal quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi din il-kawza tirrivolvi madwar kuntratt ta' cens bejn il-Kummissarju ta' l-Artijiet u s-socjeta VAB Company Limited, liema kuntratt ta' cens gie rexiss qabel it-terminu miftiehem u fejn ic-cens li kien ghadu dovut mis-socjeta' VAB Company Ltd gie mahfur, liema cens kien jammonta ghal Lm109,965. Illi jirrizulta li l-attur kien kemm Direttur u kif ukoll rapprezentant gudizzjarju tal-istess socjeta', filwaqt li kien ukoll azzjonist fi Franks Holdings Limited, liema kumpanija kienet azzjonista ta' hamsin fil-mija tal-ishma ta' VAB Company Limited.

Illi l-appellat ipprezenta tlett libelli fuq din l-istorja, li kollha nghatat sentenza fuqhom u kien hemm qbil verbalizzat bejn il-partijiet li l-provi mressqa f'kull wiehed minnhom kienu jghoddu bhala provi ghal-libelli kollha. Illi dawn it-tlett libelli u cioe' Avviz Nru 26/2006, 27/2006 u 35/2006 ilkoll gew decizi u qieghed isir appell minnhom kontestwalment ghal quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u fis-semplicita' taghhom jikkonsistu fis-segwenti:-

Illi fl-ewwel lok l-esponent jirrileva illi s-sentenza de quo hija nulla stante illi fil-parti decizorja taghha l-Ewwel Qorti iddecidiet li kienet qed issib l-artikolu Mutinity because of a Bounty li l-esponent kien l-awtur tieghu bhala wiehed ingurjuz u malafamanti. Illi l-esponent jirrileva illi huwa ma kienx l-awtur tal-imsemmi artikolu u dank if jirrizulta ampjament mill-provi prodotti u kif ukoll mir-rikors promoter li proprju jikkontejnti t-talba tal-attur. Huwa kien awtur tal-artikolu As Government waives Lm1000,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000  li deher fl-ewwel pagna tal-gurnal Malta Today tat-22 ta' Jannar 2006 u mhux tal-artikolu Mutinity Because of a Bounty li deher fl-istess harga imma f'pagna 15 kif kwitat mill-Ewwel Qorti fid-decide taghha.

Illi ghalhekk jirrizulta illi tali sentenza hija monka u nulla stante li bbazat il-parti decizorja taghha fuq artikolu li tieghu l-esponent ma kienx l-awtur u li ma kienx il-mertu ta' din il-kawza u kwindi d-decide ma jirriflettix dak li effettivament gie mitlub mill-attur fl-avviz promotur.

Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illu l-artikolu de quo kien libelluz stante illi mill-fatti kif irrizultaw, l-attur qatt ma kellu jaghti l-arretrati ta' cens lill-Gvern. Illi l-Ewwel Qorti ghalhekk ikkonkludiet li kien ingust ir-rapurtagg tal-esponent illi l-attur minflok gie blacklisted, inghata posizzjoni pubblika bhala Chairman tal-mediterranean Conference Centre.

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, dan huwa ghal kollox zbaljat ghaliex jidher palezement car li naqset milli tapprezza  dan il-kaz fuq il-merti tieghu. Kull ma

ghamlet il-Qorti fis-sentenza taghha kien li minflok dahlet biex tanalizza sew is-silta lamentata qabet id-decizjoni taghha taz-zewg sentenzi precedent li tat hija stess fl-Avviz Numru 26/06 u 27/07 u arginat l-istess argument fis-sentenza odjerna meta l-mertu ta' dan il-libell kien jirrikjedi diversament anke jekk hafna mill-fatti kienu sostanzjalment l-istess.

Illi din il-Qorti mill-ewwel tista' tapprezza li din il-kwistjoni ta' rexxissjoni tal-kuntratt ta' cens li kellha l-Kumpanija VAB Co Ltd, ma kienx xi wiehed ta' import zghir jew li tigri ta' kuljum. Il-kundizzjoni li poggiet l-istess oscjeta' biex jigi rexiss da nil-kuntratt kien li jinhafrilha dejn ta' iktar minn Lm100,000. U kien proprju ghalhekk li l-gurnal beda jinvestiga fuq ilmaterja wara li l-Ministru George Pullicino iddikjara ufficjalment illi kien intlahaq ftehim dwar il-kwistjoni tal-Jumbo Lido. Din kienet certament materja ta' interess pubbliku, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-arretrati li kienu inhafru kienu flus il-poplu.

Illi l-esponent jibda biex jissottolineja illi l-fatti kif esponiehom fl-artikolu de quo huma sostanzjalment veri. Huwa veru li gie rexiss il-kuntratt imsemmi iktar 'il fuq, huwa veru li nhafer dejn ta' iktar minn Lm100,000 ghaliex skond ir-rapprezentanti tal-istess Kumpanija, fosthom l-appellat, din kienet falluta. L-esponent jirrileva wkoll illi l-artikolu minnu miktub jibda b'dawn il-precizi kelmiet 'The company whose Lm109,965 rent bill was waived by the government because it lacked the assets from where to pay its dues, is now claiming Lm138,385 in rents, legal fees and interest from a third pary who had signed a management agreement for the operation of a kebab house at the Jumbo Lido on the Tigne Seafront in 1997.' Illi ghalhekk l-artikolu mill-ewwel jaghti stampa cara dwar il-kwsitjoni. Il-fatt li l-attur kien biss direttur u rapprezentant gudizzjarju tal-Kumpanija VAB li azzjonist ta' nofsha hija Kumpanija fejn hu u missieru ghandhom ishma, ma jistghax jittiehed illi dak li sar ma kienx se jiffavorixxih finanzjarjament. Di piu', wiehed irid isemmi wkoll waqt li kien qieghed jinhafer dan id-dejn relatat mac-cens, l-istess Kumpanija kienet qieghda tfittex li terzi, certa Marisa Turkdogan sabiex tiehu minghandha hlasijiet ta' management agreement li kienet ghamlet maghha, liema hlasijiet jammontaw ghal Lm138,000.

Illi pero minn dan kollu l-Ewwel Qorti ma hadet xejn in konsiderazzjoni. Ma haditx in konsiderazzjoni illi s-socjeta' VAB ingannat lill-Gvern meta ddikjarat li m'ghandhiex minn fejn thallas l-arretrati tac-cens. Kif jirrizulta mix-xhieda tal-Kummissarju tal-

Artijiet, l-affarijiet graw b'certu ghagla u ohrog il-ghageb, kuntrarjament ghall-prassi tad-dipartimenti governattivi, kollox ghadda lixxi lixx permezz biss ta' semplici korrispondenza. Illi l-Ewwel Qorti lanqas ma jidher li hadet in konsiderazzjoni il-kunflitt li rrizulta bejn dak li xehed l-appellat u dak li xehed Albert Mamo, Kummissarju tal-Artijiet. Ghaliex filwaqt li l-appellat xehed li hu ma kienx involut fin-negozjati mal-Gvern, l-istess Albert Mamo jghid illi fid-diskussjonijiet dwar il-kuntratt ta' rexissjoni l-appellat kien il-persuna li kien qed jaghmel it-trattattivi u dan peress li kien l-avukat tal-Kumpanija. Pero' dan l-Ewwel Qorti, ghalkemm irrappurtatu fil-korp tas-sentenza, ma deherlihiex li kellha tikkummenta fuqu jew taghtih xi piz.

Illi in oltre, jirrizulta illi l-Ewwel qorti ma haditx lanqas in konsiderazzjoni l-fatt illi l-esponent kien ghamel dak kollu possibbli biex jaghti lill-attur il-possibilita' li jispjega l-posizzjoni tieghu pero' dan, ghal ragunijiet li jafhom hu biss, ghazel li jahrab mill-mistoqsijiet li sarulu. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghall-emails esebiti bhala Dok JD 7 a fol. 94 tal-appell Numru 27/06 fejn kienu saru s-segwenti mistoqsijiet:-

In view of the agreement reached between your company and the Lands Department in which outstanding ground rents were waived off against the rescission of the deed as VAB had no other assets from where the department could recoup the arrears or any part thereof, is your company still demanding payments for the years 1999 to 2003, amounting to Lm20,000 per year, from Maria Isabella Camilleri with whom your company had entered in to a management agreement in 1997?

In reaching the agreement with the government, did the parties consider the fact that your company has won two cases in the civil court on pending management fees (subject to an appeal) in which Camilleri was ordered to pay Lm20,000 (plus interest) and Lm23,000 (plus interest)?

Kif spjega l-esponent fix-xhieda tieghu, kull tentattiv li ghamel biex jikkomunika mal-attur kien inutile stante li dan tal-ahhar baqa' jaqtaghlu t-telefon f'wixxu. Allura issa ma jistghax l-attur, meta kellu kull opportunita' jiccara dak li kien qieghed jistaqsih il-gurnalist, jigi jillamenta u jippretendi li jigi ppremjat ghaliex harab mill-mistoqsijiet li kienu qed isirilu fl-interess pubbliku.

Kwindi l-esponent ihoss li l-Ewwel Qorti naqset bil-kbir milli tikkonsidra l-punti hawn fuq sollevti u ffukat biss fuq dak li qal l-attur bla ebda konsiderazzjoni tal-ispjegazzjoni li ta l-esponent ux-xhieda minnu prodotti. Li kieku l-Ewwel Qorti ghamlet sforz minimu biex tevalwa l-argumenti mressqa mill-esponent ma kienetx certament tippronunzja ruhha bil-mod kif ghamlet.

Illi l-Ewwel Qorti f'paragrafu xott xott iddikjarat ukoll illi l-esponent qieghed jimpingi l-argumenti tieghu kollha fuq il-fatt illi l-attur huwa persuna pubblika. L-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li mill-fatti l-attur ma jistghax jitqies bhala ufficjal pubbliku. Hawn bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti hawwdet xi ftit il-kuncett ta' "ufficjal pubbliku" u "persuna pubblika". Dak li kien qieghed jissottometti l-esponent kien illi l-attur, qua attivist politiku u anke Chairman tal-Malta Mediterranean Conference, huwa figura pubblika. Jekk dawn ir-rwoli ma jikkwalifikahx bhala figura pubblika allura nkunu qed naqghu fl-assurd.

Illi ta' nteress kbir fuq dan il-punt hija d-decizjoni fl-ismijiet Av. Peter Fenech vs Miriam Dalli bhala Editrici ta' One News deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta' Novembru 2011 u li kienet titratta fuq l-istess kwistjoni fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti:- "Il-fatt li l-attur huwa jew jista' jitqies bhala persunagg pubbliku ma jidhirx li qed jigi kontestat minnu u fil-verita' tali fatt lanqas jista' jigi validament kontestat meta huwa rikonoxxut li l-attur izomm diversi karigi ta' natura pubblika bhal ad ezempju l-kariga ta' Chairperson tal-Mediterranean Conference Centre."

Illi ghalhekk huwa iktar u iktar inawdit kif l-Ewwel Qorti qieset lill-appellat li ma jaqghax fil-parametri ta' persuna pubblika meta kienet ghadha kemm giet ippronunzjata sentenza f'materja identika fejn l-istess appellat lanqas biss ikkontesta l-fatt li huwa persunagg pubbliku.

Illi kif qalet il-Qorti fis-sentenza John Mary sive Jimmy Attard vs Felix Agius (P.A. 29.10.01) "Attivist politiku jew kunsillier jistghu jigu ekwiparati ma figura pubblika u ghalhekk japplika ghalihom il-principju li "the limits of acceptable criticism is broader for politicians and public figures when acting in a public capacity than for private

individuals. They have to show greater tolerance, especially when they themselves make public statements that could invite criticism” (Commission Wabl vs Austria Report 4/3/1998).

Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna, figura pubblika trid tissaporti hafna aktar kritika u attakki milli ghandha tissaporti persuna privata ohra. Kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Dr. Louis Galea vs Joe Mifsud tat-3 ta’ Frar 2012 “Min jinvolvi ruhhu fil-politika jrid jistenna li jkun involut f’investigazzjonijiet li jolqtu direttament anke membri tal-familja tieghu, ghax kull allegazzjoni fir-rigward malajr tohrog fil-berah, u min irid jinvestiga bis-serjeta` ghandu dritt isaqsi dwar dan. Hu pertinenti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Il-Pulizija v. Zammit, deciza fit-28 ta’ Ottubru 2011, li jittratta materja ta’ libell. Il-Qorti qalet li f'certu cirkostanzi, kritika fuq kwistjonijiet li jolqtu l-hajja privata ta’ persuni fil-politika tista’ wkoll tkun gustifikati. Il-Qorti osservat illi:

“Ghalhekk hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-hajja privata ta’ persuna pubblika tista’ tigi kkummentata u kkritikata safejn din il-hajja hija manifestament vizibbli minn barra minghajr ma tinciedi fuq il-hajja personali u intima tal-istess persuna pubblika, sakemm din il-hajja privata ma tincedix direttament u negattivament fuq il-funzjoni pubblika tal-istess persuna.

“Ghalhekk meta persuna pubblika jkollha dar illi hija f’qasam residenzjali tal-Gvern li tispikka fost l-istess djar residenzjali fil-kobor, fit-tul u fl-gholi taghha dina ma tibqax aktar fir-relm privat izda kulhadd ghandu dritt jaghti l-opinjoni tieghu kif u ghaliex din il-persuna pubblika qeghdha f’dak l-istat, u hemm dritt illi jsiru domandi dwar il-legittimita` o meno ta’ dak l-akkwist.”

U huwa dak li proprju gara f’dan il-kaz. Kuntratt ta’ dik il-portata ma setghax ma jigbidx l-ghajn tal-gurnalisti investigattiv. Hu kien proprju ghalhekk li l-esponent ipprova ukoll jinvestiga proprju mal-attur, li kien jaf bil-vicenda kollha.

Illi gurnalizmu investigattiv huwa portett bl-iktar mod assolut mill-Qorti Ewropja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem bhal fil-kaz Kasabova vs. Bulgaria tad-19 ta' April 2011 dik il-Qorti qalet "It should be observed that the individuals mentioned in the article were public officials, whom the Court has found as a rule to be subject to wider limits of acceptable criticism than private individuals …… However, the national courts were unable to take that into account and were instead bound to punish the applicant more severely…"

Illi ghalhekk l-esponent ihossu aggravat li ma nghatax dik il-protezzjoni mill-Ewwel Qorti hekk kif qeghdin jinghataw kollegi tieghu internazzjonalment.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti addebitat lill-esponent il-hsieb malizzjuz wara s-silta de quo. L-Ewwel Qorti qalet illi "jirrizulta ben car illi hawnhekk m'hemmx kwistjoni ta' zball genwin da parti tal-intimat izda hemm informazzjoni moghtija erronjament, intenzjonalment u bi hsieb uniku illi itellfu r-reputazzjoni tar-rikorrent..." Illi l-esponent ihoss li dan il-bran huwa altament ingust fil-konfront tieghu meta wiehed iqis li l-gurnalist tal-gurnal Malta Todayipprova jiccara l-affarijiet mar-rikorrent bir-rizultat li dan tal-ahhar litteralment sabbattlu l-bieb f'wiccu. Kuntrarjament ghal dak enuncjat mill-Ewwel Qorti, l-intenzjoni tal-esponent kien li jesponi l-fatti u jikkummenta fuqhom, fatti li fis-sustanza taghhom huma very u li kieku l-appellat ma kienx daqshekk intransingenti forsi lanqas din il-kwisjtoni ma kienet tasal s'hawn.

Illi l-esponent ihossu aggravat ukoll mill-fatt illi l-Ewwel qorti espremiet fuehha fis-sens illi l-appellat ma kellu xejn x'jaqsam ma' din il-kwistjoni. L-Ewwel Qorti qalet illi l-Kumpanija VAB mhux veru kienet tal-appellat izda kienet Kumpanija li fiha kien involut missieru f'Kumpanija ohra u li fiha l-apellat kien direttur. Illi pero' l-esponent jissottometti illi l-appellat altru milli kien involut fil-Kumpanija VAB. Kif gia gie spjegat aktar 'il fuq huwa kien Direttur u rapprezentant gudizzjarju tal-istess Kumpanija. Izjed minn hekk, huwa kien shareholder ta' Kumpanija, Franks Holdings, li kellha 50% tal-ishma tal-Kumpanija VAB tramite l-Kumpanija Franks Holdings, jibqa' l-fatt li huwa kien Direttur ta'VAB u qua Direttur kellu responsabbilitajiet serji hafna, fost ohrajn anke li jigi azzjonat personalment jekk jirrizulta li kien hemm xi tip ta' frodi fl-immanigjar tal-istess Kumpanija.

Illi ghalhekk emta gie rapurtat li gie mahfur lilu d-dejn inkwistjoni ma kien hemm l-ebda intenzjoni malizzjuza da parti tal-esponent ghaliex jekk wiehed jaghsar il-fatti, ir-rizultat finali ikun li derattament jew indirettament gie avvantaggat l-appellat u l-familjari tieghu minn dan in-negozju li kien se jhallilhom qliegh net ta’ eluf ta’ liri wara li ottenew sentenza favorevoli kontra Marisa Turkdogan, fatt li jirrizulta li hbewb lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet meta talbu li jinhafru l-arretrati ta’ cens.

Illi di piu’ kien ingust ukoll il-kumment tal-Ewwel Qorti illi jaddebita nuqqas ta’ gurnalizmu investigattiv serju stante illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-esponent, huwa ghamel diversi verifiki qabel ma giet ippubblikata l-istorja inkwistjoni u dan jirrizulta mid-dokumenti esebiti minn Dok JD sa Dok JD 7 a fol 86 sa 92 tal-process, fejn sahansitra f’email mibghuta lill-Ministeru tal-Intern (Dok JD5) kien avzahom li se tigi pubblikata din l-istorja.

Illi l-ahhar aggravju tal-esponent jirrigwarda d-danni likwidati mill-Ewwel Qorti. Illi kif gie rilevat iktar ‘il fuq, dan huwa wiehed minn tlett libelli li l-appellat ghogbu jaghmel kontra l-gurnal Malta Today fuq l-istess storja. F’din il-kawza gew likwidati €10,000 danni favur tieghu, fil-libell Numru 26/06 gew likwidati €5,000 u fil-libell Numru 35/06 gew likwidati €3000, u cioe danni komplessivi ta’ €18,000. Illi jekk wiehed jara l-mertu ta’ dawn it-tlett libelli isib li l-lament huwa wiehed. Illi bil-proliferazzjoni tal-libelli intavolati mill-appellat, l-Ewwel Qorti tat lill-appellat izjed mill-massimu previst mil-ligi in kwantu danni f’materja ta’ libell.

Illi jirrizulta illi l-artikolu in kwistjoni mhux talli m’ghamillux hsara lill-esponent izda talli baqa’ jipprolifera fil-appuntament politici tieghu u dan kif jirrizulta mill-anness dokument (Dok A). Kwindi kwalunkwe allegazzjoni li dan l-artikolu b’xi mod poggih f’xi dawl ikrah huwa altament infondat.

Illi, tenut kont tal-argumenti mressqa iktar ‘il fuq, u minghajr pregudizzju ghall-mertu tal-kawza, l-esponent ihoss li d-danni likwidati huma eccessivi fic-cirkostanzi u ghalhekk anke jekk semmai din il-Qorti issib li l-artikolu de quo huwa libelluz, certament ghandha tittempra d-danni likwidati ghal ammont ferm inqas. Illi huwa inspjegabbli kif kollegi tal-esponent fuq storja identika u f’libell intavolat mill-istess

appellat gew ordnati jhallsu danni ferm inqas minnu. Jekk dan jithalla jsir allura jkunu l-Qrati stess li jkunu qed joholqu ingustizzja lampanti a detriment tac-cittadini. Danni daqshekk elevati ifissru biss li l-Qrati ikunu qed ipoggu sarima mad-dritt fundamentali tal-liberta' tal-espressjoni kif prevista kemm fil-Kostituzzjoni u kemm fl-istrumenti legali l-ohra internazzjonali.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-appellant qed jitlob li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Lulju 2012 u b'hekk tghaddi biex filwaqt li tichad it-talbiet attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, b'dana illi jekk jidhrilha li ghandha zzomm ferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq il-mertu, tvarjaha in kwantu ikkundannat lill-esponent ihallas is-somma ta' €10,000 bhala danni.

Bl-ispejjez kontra l-appellat.

**Rat** ir-risposta tal-appell tal-appellat Avukat Peter Fenech, fejn gie sottomess:-

Illi s-sentenza tad-disgha (9) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) fl-ismijiet premessi hija legalment korretta u fattwalment gusta u timmerita li tigi kkonfermata fl-intjier taghha bl-ispejjez kontra l-appellant, ghar-ragunijiet segwenti –

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fehmet ben tajjeb l-artikolu ntestat "As Government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000" ippubblikat fl-ewwel pagna tal-gurnal MaltaToday fit-22 ta' Jannar 2006 mill-appellant u huwa bla bazi l-aggravju tal-appellant meta jipprova jsostni li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma messha qatt sabet lill-appellant hati ta' malafama fil-konfront tal-appellat, konsiderat ir-ragunar dettaljat li wassal lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma u ssib lill-appellant hati ta' malafama fil-konfront tal-appellat.

Illi di piu, l-artikolu in kwistjoni, kontra dak kollu li qieghed jipprova jsostni l-appellant, mhux biss ma jikkoncernax fatti, izda jipprova jnisseg konnessjoni bejn decizjoni purament kummercjali u allegata pressjoni politika; mhux biss ma jzommx mal-fatti, izda jaghzel lil min jattakka, jallega li hu personalment implikat u jwassal lill-qarrej ordinarju, in vista tal-inferenzi kollha ta' natura politika li jaghmel l-appellant fl-artikolu, ghal diversi konkluzjonijiet inveritjeri, fosthom li dak li sehh kien rizultat tal-allegata influenza politika tal-appellat jew fl-aghar ipotezi, sehh minhabba li nvolut kien hemm l-appellat Peter Fenech.

Illi aktar minn dan, filwaqt li l-appellant artikolista fl-eccezzjonijiet isostni li dak li kien ippubblikat kien vertitjier u fair comment, waqt il-gbir tal-provi ma hareg xejn ghajr it-tentattiv tieghu sabiex jipprova jsostni l-insinwazzjonijiet inveritjeri maghmula fl-artikolu in kwistjoni li wasslu lill-qarrej ordinarju ghal konkluzjonijiet invertijeri.

Illi l-konvenut appellant jidher li bbaza l-aggravji tieghu fuq is-segwenti –

In-nullita' tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati stante li fil-parti decizorja taghha, l-Ewwel Qorti rreferiet ghall-artikolu ntitolat "Mutiny because of a bounty" minflok l-artikolu ntitolat "As Government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000";

Il-verita' tal-kontenut tal-artikolu in kwistjoni;

Il-kwistjoni dwar jekk l-appellat jitqiesx bhala persuna pubblika;

Il-kwistjoni dwar jekk l-agir tal-appellant kienx intenzjonat sabiex itellef ir-reputazzjoni tal-appellat;

Kontestazzjoni tal-ammont ta' danni likwidati mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati.

L-ewwel aggravju – in-nullita' tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati

Illi fl-ewwel aggravju, l-appellant jargumenta li s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati hija nulla stante l-fatt li l-istess Qorti, fil-parti decizorja tas-sentenza taghha ppubblikata fid-9 ta' Lulju 2012, irreferiet erronjament ghal artikolu iehor ippubblikat fil-gurnal MaltaToday intitolat "Mutiny because of a bounty", minflok l-artikolu kkontestat intitolat "As Government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000" ippubblikat fit-22 ta' Jannar 2006.

Illi l-esponent umilment jirrileva li dan l-aggravju huwa frivolu u vessatorju, stante li huwa car u lampanti li r-riferenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghall-artikolu "Mutiny because of a bounty" tirrizulta minn zball tal-pinna u li fil-fatt, fis-17 ta' Lulju 2012 gie pprezentat rikors mill-appellat fejn intalbet il-korrezzjoni tas-sentenza appellata –

... billi, f'pagna numru ghoxrin (20) tas-sentenza, minflok il-kliem "Mutiny because of a Bounty" fil-hames (5) linja tat-tieni (2) paragrafu tal-istess pagna, jigu nseriti l-kliem "As Government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000",

liema talba giet milqugha mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u s-sentenza giet hekk korretta.

Illi in oltre, jigi umilment sottomess li jkun kontra l-ekonomija tal-gudizzju li kieku s-sentenza appellata kellha tigi ddikjarata nulla sempliciment minhabba zball tal-pinna li jista' facilment jigi rimedjat. F'dan ir-rigward tigi kkwotata s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Anton Cachia vs. Edwin Formosa,[1] fejn l-Onorabbli Qorti, b'riferenza ghal zball simili fejn il-konvenut gie riferut bhala "Godwin" minflok "Edwin" fis-sentenza, qalet li –

[1] Citazzjoni Numru 218/2003.

Hu evidenti li dan hu zball kjarament li jista’ jissejjah “lapsus calami” u hu zball manifest u evidenti fuq il-wicc tal-fatti ... Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-23 ta’ Novembru, 1959 fil-kawza fl-ismijiet “Salvino Schembri et vs. Joseph Grixti et” qalet li ndubbjament il-ligi taghna kif ukoll il-ligijiet kontinentali u d-dottrina taghhom jippermettu l-korrezzjonijiet ta’ zball materjali fuq l-awtorita’ tad-dritt Ruman ... Korrezzjoni bhal din ghandha tigi ammessa jew tasal li tkun ammessa purche’ ma jkunx ser jinbidel kompletament il-provvediment moghti fis-sentenza in kwestjoni cioe’ fejn hemm l-izball.

Illi ghalhekk jigi rilevat li l-aggravju tal-appellant f’dan ir-rigward ghandu jigu respint bl-ispejjez kontrih ghaliex huwa frivolu u vessatorju.

It-tieni aggravju – il-verita’ tal-kontenut tal-artikolu in kwistjoni

Illi permezz tat-tieni aggravju tieghu, l-appellant jargumenta li “l-fatti kif esponihom fl-artikolu de quo huma sostanzjalment veri.”

Illi fl-ewwel flok u minghajr pregudizzju, jigi ravvizat li l-ewwel paragrafu tat-tieni aggravju tar-rikors tal-appell tal-appellant jirreferi ghal artikolu differenti u appell iehor, liema riferenza bla dubju tirrizulta minn zball tal-pinna.

Illi in sostanza, l-artikolu huwa ndirizzat, kif jidher car anke mit-titolu li jirreferi ghall-appellat b’ismu, unikament sabiex jattakka r-reputazzjoni tal-appellat, sabiex iwaqqghalu r-reputazzjoni u l-kredibilita’ tieghu u jwaqqghu ghad-disprezz tal-qarrej ordinarju. Ma jissemnew imkien il-kumpaniji nvoluti jew id-diretturi u/jew ishmatarji ohra taghhom f’dan l-artikolu.

Illi l-artikolu per se jaghti l-impressjoni li kien agir u negozju migjub il-quddiem mill-esponent f’ismu proprju, meta l-fatti veritjeri huma li kien ftehim tas-socjeta’ VAB Company Limited, ta’ liema kumpanija l-esponent mhuwiex u qatt ma kien azzjonist. L-artikolu mhux gust u ekwu u ma jirrispekkjax il-kwadru tal-fatti li l-artikolista kellu

d-dover li jipprovdi lill-qarrejja tieghu, peress li fl-ebda mument ma jaghmel riferenza ghall-fatti kollha li zvolgew, izda jaghzel li jhalli fatti ta' rilevanza barra, filwaqt li jsemmi isem ir-rikorrent ripetutament kif ukoll il-karigi ufficjali u/jew allegati affiljazzjonijiet politici kollha tieghu, kemm prezenti kif ukoll passati. Il-mod kif inkiteb l-artikolu kien intiz sabiex mhux biss ihawwad mohh il-qarrej ordinarju, kemm b'dak li ntqal kif ukoll b'dak li thalla barra, izda sabiex iwassal lill-qarrej ordinarju sabiex jikkonkludi li l-ftehim sar biss ma' u b'rizultat tal-konnessjonijiet ta' Peter Fenech. Xejn ma tista' tkun lil'hinn mill-verita' din il-konkluzjoni u ghalhekk dan l-aggravju ghandu bir-rispett jigi respint bl-ispejjez.

Illi mill-provi li rrizultaw, il-Gvern ma hafer xejn lil Peter Fenech. Peter Fenech f'ismu personali ma fittixx ghall-flus imsemmija fl-artikolu. Il-konnessjonijiet li allegatament kellu u/jew ghandu u l-karigi li jokkupa ma kellhom l-ebda rilevanza u/jew influwenza fuq il-ftehim li ghamlet il-kumpanija.

Illi l-istess artikolista ma kellux id-dicenza jghid li l-Gvern ha lura art li, fi kliem is-Segretarju Permanenti tal-Finanzi, hija "prime area" u li kien ghad fadlilha aktar minn disa' snin fil-pussess tal-kumpanija VAB Company Limited, liema pussess huwa ta' valur kbir u kellu ghalhekk jigi kkompensat.

Illi kif tghid Margaret Falzon in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Artijiet, xhud prodotta mill-appellant, "l-Avukat Peter Fenech imkien ma kien jinkwadra fid-dokumentazzjoni kollha fil-files tad-Dipartiment." Per di piu, kif spjega l-Kummissarju tal-Artijiet, dawn it-tip ta' kuntratti gew konkluzi diversi drabi fil-passat bejn il-Gvern u terzi persuni.

Illi la fl-artikolu in kwistjoni, fis-sottomissjonijiet u trattazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u lanqas fir-rikors t'appell quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, ma saret riferenza mill-appellant ghall-fatt li l-Gvern ried l-art in kwistjoni lura ghaliex, kif xehed l-istess Perit John Sciberras, Direttur Generali tal-Artijiet, ukoll imressaq mill-intimat appellant, "kien hemm progett Qui Si Sana li kien jinvolvi l-Jumbo." Aktar minn dan, ma saret qatt riferenza ghall-pozizzjoni adottata mir-rikorrenti appellat, prova li harget minn xhud iehor prodott mill-intimat appellant,

cioe l-Ministru Tonio Borg, li dak iz-zmien kien responsabbli ghall-artijiet, li ddikjara li l-unika darba li kien kellmu r-rikorrent dwar din il-kwistjoni kienet sabiex il-ftehim ma jsirx, izda kif kompla jixhed l-istess Ministru Tonio Borg, il-Gvern ried l-art u kien determinat li jasal biex johodha lura.

Illi kemm fl-artikolu in kwistjoni kif ukoll fir-rikors tal-appell, l-appellant jipprova jaghti l-impressjoni li ma tezistix distinzjoni bejn ir-rikorrent Peter Fenech u l-kumpanija VAB Company Limited. Fl-istess aggravju, hija gratwita l-konkluzjoni tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li s-socjeta' VAB Company Limited "ingannat lill-Gvern meta ddikjarat li m'ghandhiex minn fejn thallas l-arretrati tac-cens." Fil-fatt, din il-kwistjoni jekk kellhiex minn fejn thallas ma kinetx il-qofol tal-ftehim milhuq bejn il-Gvern u s-socjeta' VAB Company Limited. Il-Gvern ried l-art u in kumpens ceda dak dovut lilu mis-socjeta' VAB Company Limited. Interessanti l-osservazzjoni li dak li kellha tigbor l-istess kumpanija, sal-llum ghadu ma ngabarx.

Illi hija wkoll gratwita l-konkluzjoni li "l-affarijiet graw b'certu ghagla u ohrog il-ghageb, kuntrarjament ghall-prassi tad-dipartimenti governattivi, kollox ghadda lixx." Fil-fatt, kif xehed l-istess Albert Mamo, kuntratti simili gieli saru. Ma jirrizulta minn imkien li l-ftehim sar b'ghagla – fil-fatt it-talba saret f'Mejju u l-ftehim sar f'Ottubru.

Illi l-appellant jaghmel enfasi fuq dak li xehed Albert Mamo, li qal li l-persuna li ghamlet trattativi mal-Gvern dwar dan il-ftehim kien proprju Peter Fenech. Dan, apparti li huwa michud mill-istess rikorrent, huwa fattwalment zbaljat stante li l-istess Albert Mamo jghid li hu ma kienx involut fil-process li wassal ghall-konkluzjoni tal-ftehim, li fil-process tal-konkluzjoni tal-ftehim ma kien hemm l-ebda trattativi u li fil-fatt, Margaret Falzon ikkonfermat li isem Peter Fenech ma jirrizulta mkien fil-files tad-Dipartiment.

Illi fl-istess aggravju, l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma haditx konjizzjoni tal-fatt li l-istess appellant kien ipprova jikkomunika mar-rikorrenti qabel il-pubblikazzjoni tal-artikolu in kwistjoni, biss dan tal-ahhar ma kkummentax. Huwa umilment sottomess li dan il-fatt, anke jekk inhu veru, ma jaghti l-ebda licenzja

lill-artikolista li ma jaghmilx l-investigazzjonijiet gurnalistici necessarji u minflok jistrieh fuq asserzjonijiet u konkluzjonijiet minghajr provi. Kif qalet l-istess Onorabbli Qorti tal-Magistrati, "huwa ghamel asserzjonijiet li b'tiftixa semplici, l-istess intimat seta' facilment jara li attwalment ma kinux minnhom."

Illi rilevanti f'dan ir-rigward id-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Fressoz & Roire v. France moghtija fil-21 ta' Jannar 1999, fejn sostniet li "People exercising freedom of expression, including journalists, undertake 'duties and responsibilities'."

Illi fl-istess vena, sentenza ohra tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Bladet Tromso and Stensaas v Norway tal-20 ta' Mejju 1999 ipprovdiet li –

Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when ... there is question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others" ... By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism.

Illi in vista tal-inkonsistenzi varji u numeruzi fuq citati, jidher car li r-responsabilitajiet u obbligi ta' dawk li, b'rizultat tal-professjoni taghhom, jezercitaw id-dritt tal-espressjoni, inkluz l-obbligu li jsir fact-checking rigoruz, jigi umilment sottomess li dawn l-obbligi ma gewx onorati mill-appellant fil-kaz odjern. Tigi citata s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet Joseph Ciantar vs. Victor Camilleri tat-3 ta' Ottubru 2008, fejn inghad, inter alia, li –

In linea ta’ principju generali, pubblikazzjoni ghandha tikkontjeni l-verita’ oggettiva tal-fatti esposti fejn dawn ikunu r-rizultat ta’ ricerka u ta’ verifika serja u diligenti, riprodotti bil-forma civili tal-espozizzjoni ... ghas-sodisfaciment tal-interess tal-pubbliku ghall-informazzjoni. Jikkonsegwi minn dan illi fejn tonqos l-indagini mehtiega ghar-rapprezentazzjoni tal-fatti veri fil-kompletezza taghhom tissussisti l-malafama u, allura wkoll, il-htija fl-awtur tal-pubblikazzjoni.

It-tielet aggravju - il-kwistjoni dwar jekk l-appellat jitqiesx bhala persuna pubblika

Illi dwar it-tielet aggravju, in linea preliminari, jinghad li l-argument dwar jekk l-appellat jitqiesx bhala persuna pubblika huwa rrelevanti ai fini tal-libell, ghaliex il-proceduri ta’ libell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma kinux jikkoncernaw il-livell ta’ kritika li persuni, pubblici jew le, ghandhom ikunu soggetti ghalih, izda kienu jikkoncernaw artikolu mimli asserzjonijiet inveritjeri li wasslu lill-qarrej ordinarju ghal konkluzjonijiet bla bazi, liema asserzjonijiet hammgu r-reputazzjoni tal-appellat.

Illi l-argument centrali, u ghalhekk huwa sottomess li dan il-punt jittenta jizvija lill-Onorabbli Qorti, huwa jekk it-titolu, il-fatti esposti bhala fatti u l-artikolu fl-assjem tieghu jistax jitqies bhala fair comment, irrelevanti minn kull asserzjoni dwar jekk Peter Fenech hux persuna pubblika jew le, jew jekk kienx artikolu li wassal lill-qarrej ordinarju ghal numru ta’ konkluzjonijiet inveritjeri u dannegganti fil-konfront tieghu.

Illi dato ma non concesso li r-rikorrenti jista’ jitqies bhala persuna pubblika, dan xorta mhux rilevanti ghall-fatti koncernanti l-ftehim milhuq bejn il-Gvern u s-socjeta’ VAB Company Limited u s-silta ppublikata kellha tkun biss imsejsa fuq il-verita’.

Illi rilevanti f’dan ir-rigward is-sentenza fl-ismijiet Onor Dr. Alfred Sant vs. Gordon Pisani et moghtija fit-30 ta’ April 2002, fejn inghad li “l-istess generu ta’ persuni [persuni pubblici] ghandhom l-istess drittijiet ghall-preservazzjoni ta’ integrita` u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f’certu sens malafama fil-konfront taghhom hija iktar serja, peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-

pubbliku ... u ghalhekk tista' ssir aktar hsara lill-istess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika" (kliem fil-parentezi tal-esponent).

Ir-raba' aggravju - il-kwistjoni dwar jekk l-agir tal-appellant kienx intenzjonat sabiex itellef ir-reputazzjoni tal-appellat

Illi dwar ir-raba' aggravju jinghad li l-fatti kif esposti, senjatament –

il-fatt li isem ir-rikorrent deher fil-faccata tal-gurnal b'titolu principali tul il-kolonni tal-faccata b'tipa kbira;

il-fatt li l-ishmatarji tas-socjeta' VAB Company Limited ma ssemmewx kollha;

il-fatt li r-rikorrent appellat mhux ishmatarju tas-socjeta' VAB Company Limited;

l-affiljazzjoni politika mal-Ministru Louis Galea, kollha jindikaw l-intenzjoni tal-artikolist appellant li jimplika lil Peter Fenech personalment f'dan il-ftehim, iwassal lill-qarrej ordinarju l-impressjoni li l-ftehim kellu xi haga hazina u li l-ftehim sehh biss b'rizultat tal-influenza politika u/jew karigi ufficjali tal-esponent.

Illi jigi umilment sottomess li l-artikolu in kwistjoni ghandu jigi mixtarr u mgharbel mill-lenti tal-qarrej ordinarju. Huwa lecitu li jigi mistoqsi dak li seta' jifhem u fil-fatt fehem il-qarrej ordinarju meta qara l-artikolu kwistjoni tenut kont is-suriferiti nkonsistenzi.

Illi f'dan ir-rigward, huwa relevanti li tigi citata silta minn Gatley, On Libel and Slander,2 li jipprovdi li –

[2] Patrick Milmo, W V H Rogers, Richard Parkes, Godwin Busuttil, Professor Clive Walker, Adam Speker (eds), *Gatley on Libel and Slander* (Sweet & Maxwell, 11th edn, 2010) 45-46.

The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words are published, would understand to be the meaning ... Liability for libel does not depend on the intention of the defamer but on the fact of the defamation ... The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used ... It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel, but what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it.

Illi in sostanza, l-artikolu kien intiz unikament sabiex jattakka r-reputazzjoni u l-integrita' tal-appellat, sabiex iwaqqghalu r-reputazzjoni u l-kredibilita' tieghu.

Il-hames aggravju – kontestazzjoni tal-ammont ta' danni likwidati mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati

Illi dwar id-danni jinghad li fl-ewwel lok, iz-zmien ta' publish and be damned spicca u li kull gurnalist, minkejja d-drittijiet kollha li huwa ghandu, huwa tenut responsabbli ghal dak kollu li jippubblika u fejn dak li jippubblika jkun ibbazat fuq fatti skorretti, hemm tkun inkisret il-linja bejn id-dritt tal-espressjoni u d-dritt tal-preservazzjoni tar-reputazzjoni u l-integrita' tal-individwu. Wara li l-appellant ippubblika l-artikolu in kwistjoni, u wara li l-libelli nfethu biss fuq tliet artikoli minkejja l-fatt li kien hemm aktar, issa qieghed jitlob il-klemenza ghaliex gie ordnat ihallas id-danni. Ta' min ifakkar li f'dan il-kaz, ma nghatawx id-danni massimi, liema massimu ta' danni f'dan il-pajjiz huwa f'livell ferm aktar baxx minn dak li jinstab f'pajjizi ohra fl-Ewropa u di piu, li l-hsara li tkun saret bit-tajn li jkun intefa' mhijiex rekuperabbli bl-ebda ammont ta' danni, lanqas in linea tal-massimu permess mill-ligi. L-artikolu de quo huwa l-antitezi ta' rappurtagg gurnalistiku, fidil u shih u ghalhekk id-danni hekk kif likwidati mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati m'ghandhomx jigu rivizitati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi nnutat li l-appellant gibed l-attenzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ghall-fatt li minbarra d-danni likwidati fil-kawza odjerna, "fil-libell Numru 26/06 gew likwidati €5,000 u fil-libell Numru 35/06 gew likwidati

€3000, u cioe danni komplessivi ta' €18,000." Bir-rispett, jigi rilevat li huwa skorrett l-appellant meta jirreferi ghall-quantum ta' danni "komplessivi", ghaliex dawn jikkoncernaw proceduri u artikoli differenti u separati u ghalhekk, il-quantum ta' danni moghtija fi proceduri ohra m'ghandux jaffetwa l-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha.

Illi barra minn hekk, ma jaghmel l-ebda sens logiku u legali li jigu rivizitati d-danni fil-kawza odjerna sempliciment ghaliex minflok artikolu wiehed libelluz, l-appellant ghazel li jippubblika tlieta. Jigi umilment sottomess li l-valur tad-danni ghandu jirrifletti l-ingurja maghmula lis-suggett tal-artikolu de quo u li, fl-assenza ta' argumenti legali u fattwali li juru li l-ingurja ma saritx, it-talba tal-appellant ghall-diminwizzjoni tal-quantum tad-danni ghandha tigi respinta.

Finalment jinghad li kif tghallimna din l-Onorabbli Qorti, fl-istadju tal-appell hija prassi li sakemm il-mertu jkun gie deciz b'mod li l-fatti kif kwadrati ta' dak li ta lok ghall-proceduri ma setghux iwasslu ghad-decizjoni li ghaliha wasslet l-Qorti, allura s-sentenza ma tigix disturbata. Fil-kaz odjern, mhux biss il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni setghu jwasslu lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, izda ma setghux iwasslu mod iehor, kif ben sintesizzat l-istess Onorabbli Qorti meta spjegat il-malafama fiex kienet tikkonsisti.

Ghaldaqstant l-appellat qed jitlob li il-Qorti tirrispingi t-talba tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata. bl-ispejjez kontra l-appellant.

Rat li l-Avukati difensuri tal-partijiet ghamlu referenza ghal dak kollu li gie sottomess minnhom fl-appell numru 26/2006.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kompilati quddiem l-ewwel Qorti.

Rat id-dokumenti kollha esibiti.

Rat li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-ewwel aggravju tal-appellanti James Debono jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata. L-appellant jissottometti li s-sentenza hi nulla stante illi fil-parti decizorja taghha l-Ewwel Qorti iddecidiet li kienet qed issib l-artikolu 'Mutiny because of a Bounty' li l-appellant kien l-awtur tieghu bhala wiehed ingurjuz u malafamanti.

L-appellant jirrileva illi huwa ma kienx l-awtur tal-imsemmi artikolu  iżda huwa kien awtur tal-artikolu 'As Government waives Lm100,000 bill, Peter Fenech claims Lm138,000' li deher fl-ewwel pagna tal-gurnal Malta Today tat-22 ta' Jannar 2006. L-appellant jissottometti ukoll li s-sentenza hi nulla stante li l-ewwel Qorti bbazat il-parti decizorja taghha fuq artikolu li l-appellant ma kienx l-awtur tieghu u li ma kienx il-mertu ta' din il-kawza u kwindi d-decide ma jirriflettix dak li effettivament gie mitlub mill-attur fl-avviz promotur.

Da parti tiegħu, l-appellat isostni li  dan l-aggravju huwa frivolu u vessatorju, stante li hu car u lampanti li r-riferenza tal-ewwel Qorti ghall-artikolu "Mutiny because of a bounty" tirrizulta minn zball tal-pinna u li fil-fatt, fis-17 ta' Lulju 2012 gie pprezentat rikors mill-appellat fejn intalbet il-korrezzjoni tas-sentenza appellata. Il-korrezzjoni relattiva giet akkolta mill-ewwel Qorti (fol.180). Kwindi hu ovvju li dan l-aggravju gie sorvolat bl-imsemmi dikriet tal-ewwel Qorti.

Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-artikolu de quo kien libelluz stante illi mill-fatti kif irrizultaw, l-attur qatt ma kellu jaghti l-arretrati ta' cens lill-Gvern. Fir-rigward ta' dan l-aggravju l-appellant jgħid illi l-fatti kif esponiehom fl-artikolu de quo huma sostanzjalment veri. Huwa jsostni li hu

fatt li l-attur appellat hu biss direttur u rapprezentant gudizzjarju tal-Kumpanija VAB, pero' l-appellat u missieru huma azzjonisti f'socjetra' kummercjali ohra li hi ukoll azzjonista fl-imsemmija socjeta' VAB. Kwindi skond l-appellant ma jistax jinghad li l-ftehim li kien sar bejn il-Lands Department u s-socjeta' ma kienx se jiffavorixxi lill-appellat finanzjarjament. L-imsemmi ftehim kien jittratta dwar cens tenporaneu li kien gie koncess mill-Lands Department lill-imsemmija socjeta' VAB koncernanti fond fi Qui-Si-Sana. Bl-imsemmi ftehim is-socjeta' kienet ser tirritorna l-fond u d-Dipartiment kien ser jirrinunzja ghal arretrarti ta' cens.

L-appellat jirribatti li qatt ma kien azzjonist fil-VAB Company Limited. Jgħid ukoll illi l-artikolu mhux gust u ekwu u ma jirrispekkjax il-kwadru tal-fatti.

L-appellant qed jilmenta mill-apprezzament, skont hu zbaljat, tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti kienet iddeċidiet korrettement li - "Madanakollu fil-kaz odjern, il-Qorti ma tqisx li fil-kaz in kwistjoni hemm gurnalizmu investigattiv serju peress illi mill-artikolu miktub mill-intimat huwa ghamel tlett asserzjonijiet li bi tfittixa semplici, l-istess intimat seta' facilment jara illi attwalment ma kienux minnhom.

Il-Qorti tal-Appell, fis-sentebnza taghha tas-6 ta' Mejju, 2011 fl-ismijiet "Reverendu Dun Karm Grech vs Anton F Attard" irreteniet – "Ghandu jigi rilevat li din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, ormai ben assodat, li bhala Qorti ta' revizjoni, hija bhala regola m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li hija tkun tista' tikkoregi ingustizzja manifesta."

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi migbura quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll dawk il-konsiderazzjonijiet u konlużjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti tiddeċiedi bil-mod illi iddeċidiet. Fost l-oħrajn, din il-Qorti tagħmel referenza għad-deposizzjoni ta' Margaret Falzon in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Artijiet, fejn din xehdet li "l-Avukat Peter Fenech imkien ma kien jinkwadra fid-dokumentazzjoni kollha fil-files

tad-Dipartiment." Għaldaqstant din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li taqbel mal-konklużjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti u tafferma li s-sottomuissjonijiet tal-appellant m'ghandhomx jigu akkolti.

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti bhala qorti ta' revizzjoni ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewel Qorti, liema apprezzament huwa r-rizultat tal-evalwazzjoni tal-provi prodotti fuq materja eminentement ta' fatt. Din il-Qorti ma tara xejn erroneju fl-apprezzament tal-provi illi għamlet l-Ewwel Qorti. L-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti hi wahda korretat u gusta. Kwindi anke għal din il-Qorti jirrizulta b'mod car li l-konvenut appellant jingurja u jimmalafama lill-attur peress illi ghamel allegazzjonijet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tal-istess attur u jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz. Kwindi ġaladarba illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet li l-kitba de quo kienet wahda ingurjuza u malafamanti fil-konfront tal-appellat, l-imsemmi tieni aggravju ukoll jimmerita li jiġi miċħud.

Fir-rigward tat-tielet aggravju tal-appellant jingħad li l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ikkonludiet illi l-attur ma jistax jitqies bħala persuna pubblika. L-appellant jgħid illi l-attur huwa attivist politiku kif ukoll Chairman tal-MCC u allura ghalkhekk ghandu jitqies li hu figura pubblika.

L-appellat da parti tiegħu jgħid illi dawn il-proċeduri ma jikkoncernawx il-livell ta' kritika li persuni pubblici jew le ghandhom ikunu soggetti ghaliha, izda jikkoncernaw partijiet minn artikolu mimli asserzjonijiet inveritjeri li wasslu lill-qarrej ordinarju ghal konkluzjonijiet bla bazi, liema asserzjonijiet hammgu r-reputazzjoni tal-appellat u jwaqqghuh ghar-redikolu u jiddisprezzawh.

Il-Qorti talAppell, fil-kawża bl-ismijiet "Vincent Borg vs Victor Camilleri" tal-15 ta' Novembru 1994 irreteniet - " Ir-restrizzjonijiet li tagħmel il-liġi ta' l-istampa (Kap. 248) għandhom jiġu nterpretati fid-dawl ta' l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-isfond ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jiġi nterpretat fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani. Dana l-iżvilupp fis-sistema legali tagħna huwa żvilupp sinjifikanti għal

pajjiżna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' d-dritt ta' l-espressjoni. Madankollu, b'dana l-iżvilupp essenzjali, l-istampa ma ngħatat ebda passaport ta' immunita', billi tibqa' dejjem il-ħtieġa li jinżamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' espressjoni u ċ-ċensura tal-malafama. Dejjem jinħtieġ li jinżamm bilanċ bejn il-bżonn li f'soċjeta' demokratika jitħalla spazju suffiċjenti għal-liberta' li wieħed jikkritika u li jsemma' l-opinjoni u l-ġudizzju tiegħu, mal-bżonn l-ieħor, xejn anqas meħtieġ, tad-difiża tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb, li kull persuna f'soċjeta' demokratika għandha kull dritt li tgawdi."

Fl-isfond ta' dan l-insenjament il-Qorti hi tal-fehma li hu rrilevanti jekk l-appellat kien jew ma kienx persuna pubbliku. Huwa minnu illi persuna pubblika tista' tkun il-mira ta' kritika anke harxa u skomda mill-avversarji politici tagħha, u mill-istampa imma, kif hu ormai risaput, il-latitudni ta' tali kritika u l-margini ta' tolleranza hu fil-konfront ta' tali persuna ferm akbar minn dak accettat meta tkun immirata lejn persuna li ma tkunx notorjament pubblika. Fil-fehma ta' din il-Qorti sew jekk fil-każ ta' persuna pubblika kif ukoll f'każ ta perusuna mhux pubblika min jaghmel il-kritika għandu dejjem jaddebita fatti veri u korretti.

Dan kollu ġie ukoll ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "Lino Debono vs Saviour Balzan" tas-27 ta' April, 2001 (Citazzjoni 65/92 GCD} fejn intqal – "Min ilissen diskors malafamanti kellu, biex jezimi ruhu minn kull responsabbilita', jkun f'posizzjoni illi jipprova li tali malafama fil forma ta' kumment kritiku kienet tirreferi ghal u tkun marbuta ma' fatti li jkunu sostanzjalment veri."

L-ewwel Qorti rriteniet korrettement li l-konvenut naqas illi jipprova li l-fatti li dwarhom ikkummenta kienu sostanzjalment veri. Kwindi, irrispettivament jekk l-appellat huwiex persuna pubblika jew le, jimponi fuq min jirraporta li qabel xejn, u mhux biss, jivverifika l-fatt imma wkoll ghandu jipprova l-fatti allegati minnu lill hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Dan l-appellant zgur li naqas milli jagħmel. Una volta li l-appellant ma ipproducix provi sufficjenti biex juri l-verita' ta' l-allegazzjonijiet tieghu, kwindi dan l- aggravju ukoll għandu jiġi rigettat.

Ir-raba aggravju tal-appellant jittratta dwar jekk l-aġir tal-appellant kienx intiż sabiex itellef ir-reputazzjoni tal-appellat. Fir-rigward ta' dan ir-raba aggravju ghandu jigi rilevat li ġie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet "Paolo Pace vs Maria Bugeja" (Vol.XXXVI P IV p 855) illi "l-animus iniuriandi huwa prezunt meta l-kliem li nghad huwa ingurjuz. Din il-prezunzjoni hija iuris tantum li sservi biex tixhet fuq il-kwerelat il-piz tal-prova kuntrarja eskludenti dak l-animus". Il-konvenut appellant ma ressaq ebda prova li teskludi tali animus. Il-fatti rrizultaw li huma nveritieri u ma gewx sostanzjati u lanqas biex almenu juru li l-konvenut kellu ragunijiet tajba biex jahseb li dak li kiteb kien il-verita'.

L-ahhar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ammont ta' danni likwidati mill-Ewwel Qorti. L-appellant jilmenta illi dan l-amont kif likwidat hu wiehed minn tliet libelli li l-appellat ippresenta kontra l-istess gazzetta cioe' Malta Today fuq l-istess storja. F'din il-kawza gew likwidati €10,000 danni favur l-appellat, fil-libell numru 26/06 gew likwidati €5,000 u fil-libell Numru 35/06 gew likwidati €3000, u cioe danni komplessivi ta' €18,000. Skond l-appellant jekk wiehed jezamina l-mertu ta' dawn il-libelli kollha jsib li l-lament tal-appellat hu wiehed. Ghalhekk gew likwidati danni komplessivament iktar mill-massimu previst mil-ligi in kwantu ta' danni f'materja ta' libel. L-appellat jikkontendi bir-ragun li hawn mhux si tratta minn danni komplessivi ghaliex dawn jikkoncernaw proceduri u artikoli differenti u separati u ghalhekk, il-quantum ta' danni likwidati fi proceduri ohra m'ghandux jaffettwa l-gudizzju ta' din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-presenti appell.

Indipendentement minn danni attwali, l-Att dwar l-Istampa jipprevedi massimu ta' ħamest'elef lira maltija (illum €11650) bħala kumpens għad-danni morali kkawżati lill-persuna offiża cioe' malfamata. Sta ghad-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti li tkun semgħet il-każ li tiffissa ammont sa mhux iżjed mill-imsemmi massimu stabilit mil-liġi u li jkun l-iżjed xieraq fl-opinjoni tal-istess Qorti għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Tonna et vs Felix Agius et", deciza fit-23 ta' Marzu 1993 (Vol LXXVII pII p87) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino, kienet irriteniet li kellu jinzamm sens ta' proporzjon in materja tal-likwidazzjoni tad-danni. Fil-fehma tal-imsemmija Qorti "l-azzjoni ta' libell, biex tkun verament effikaci u gusta, ghandha tigi adoperata b'gudizzju u cirkospezzjoni, tenut kont ta' l-ingurja, l-gravita` taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiggenera."

A bazi ta' dan it-taghlim hi l-fehma ta' din il-Qorti illi dan l-agravju għandu jiġi miċħud stante illi l-ammont likwidat f'dan il-każ hu wieħed ġust, konsiderati t-test tar-ragjonevolezza u tal-proporzjonalita` u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja s-somma li giet likwidata mill-ewwel Qorti fl-ezercizzju tal-imsemmija diskrezzjoni taghha. Kwindi dan l-aggravju ukoll għandu jiġi miċħud.

Ghal dawn il-motivi kolha:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti James Debono u fl-istess hin tikkonferma in toto s-sentenza appellata cioe' dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Lulju, 2012.

Spejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-appellant Debono.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------